DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Notices

**10. 03. 2016**

**Press Notice No 29**

**ID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA TAL-PJANTI: LINJI GWIDA DWAR L-UŻU TAL-FRIEGĦI TAL-PALM FL-OKKAŻJONI TA' ĦADD IL-PALM (2016)**

Billi riesaq Ħadd il-Palm, id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, L-Ambjent u Tibdil fil-Klima qed jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li friegħi tal-palm li jintużaw għal skop ornamentali assoċjati ma' din il-festa jkunu ħielsa minn kwalunkwe sintomu tal-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm.

Is-siġar tal-palm li minnhom isir iż-żbir tal-friegħi għandhom jiġu mbexxa b'pestiċidi adattati għal wara ż-żabra skont il-linji gwida li jinstabu fuq il-*website* tad-Direttorat, http://agriculture.gov.mt/en/phd/Pages/home.aspx. Dan it-trattament għandu jiġi ripetut għal tliet darbiet konsekuttivi biex jiġu protetti bl-aħjar mod possibbli s-siġar tal-palm. Il-friegħi għandhom jiġu maqtugħa żgħar kemm jista' jkun sabiex jitnaqqsu l-partijiet infettati li ġeneralment ikunu kkonċentrati fil-parti t'isfel tal-fergħa. Il-bażi minn fejn tkun inqatgħet il-fergħa għandha tiġi miżbugħa b'żebgħa apposta. Dan minħabba li l-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm jiġi attirat minn dan il-qtugħ frisk sabiex jiddepożita l-bajd.

Sabiex jiġi kkontrollat dan il-mard, id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti qed iħeġġeġ għall-kooperazzjoni tal-pubbliku f'dawn l-attivitajiet ħalli dawn id-drawwiet jitkomplew mill-ġenerazzjonijiet futuri.

Għal aktar informazzjoni u gwida wieħed għandu jikkuntattja lill-Customer Care fi ħdan id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti fuq 22926535 jew fuq *freephone* 80072310. Wieħed jista' wkoll jagħmel kuntatt permezz tal-posta elettronika plantquarantine@gov.mt jew iżur is-sit uffiċjali tad-Direttorat: http://agriculture.gov.mt.

**PLANT HEALTH DIRECTORATE: GUIDELINES FOR THE USE OF PALM FRONDS ON THE OCCASION OF PALM SUNDAY (2016)**

As Palm Sunday is approaching, the Plant Health Directorate within the Ministry for Sustainable Development, Environment and Climate Change, would like to emphasise the importance that palm fronds used for this celebration are deemed to be free from any presence or symptom of the Red Palm Weevil.

Palm trees from which fronds are taken should be sprayed with an appropriate insecticide after the fronds are removed according to the guidelines which are to be found on the Directorate's website http://agriculture.gov.mt/en/phd/Pages/home.aspx. For maximum protection this treatment should be applied for three consecutive times. Fronds should be cut as short as possible to minimise the use



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

of infected wood which is usually found at the base of the frond. The wounds created by the removal of fronds should be painted over with mastic paint since the Red Palm Weevil is attracted to fresh cut wounds and thus would find a suitable place to deposit the eggs.

In order to achieve better pest control, the Plant Health Directorate is requesting the co-operation of the public during these Holy Week activities, so that they may continue to be experienced by future generations.

For further information and guidance one may contact the Customer Care Section of the Plant Health Directorate on phone number 2292 6535 or freephone 80072310. One may also contact this Directorate via email plantquarantine@gov.mt or by visiting the official website http://agriculture.gov.mt





**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI – DEPARTMENT OF INFORMATION**
**MALTA**